MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 1427/1997/1

**Carmena Fenech, Dorothy Fenech u James Fenech**

**v.**

**Chairman tal-Malta Drydocks in rapprezentanza taghha; u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' April 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks gie awtorizzat jassumi l-atti ta' din il-kawza minflok l-istess Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-23 ta' Gunju 1997, li taqra hekk:

“Premess illi fit-22 ta’ Frar 1997 miet Joseph Fenech, li kien ir-ragel ta’ l-attrici Carmena Fenech, u missier l-atturi Dorothy Fenech u James Fenech;

“Premess illi Joseph Fenech kien jahdem mal-korporazzjoni konvenuta bhala Boilermaker u kien espost ghall-asbestos u kien kostrett li jtemm l-impieg tieghu qabel iz-zmien fit-13 ta’ Jannar 1995 u baqa’ sakemm miet b’effett dirett ta’ l-asbestos fuq il-post tax-xoghol (ara Dok. A, Dok. B u Dok. C);

“Premess li l-korporazzjoni konvenuta ma resqetx ghal-likwidazzjoni tad-danni kkagunati mhabba t-terminazzjoni ta’ l-impieg u l-mewt ta’ Joseph Fenech ghar-ragunijiet li ghalihom hija responsabbli;

“Tghid il-korporazzjoni konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“(a) Tiddikjara li l-irtirar mill-impieg fit-13 ta’ Jannar 1995 u l-mewt fit-22 ta’ Frar 1997 ta’ Joseph Fenech kienu kkagunati mill-asbestos li huwa kien suggett ghalih fix-xoghol tieghu mal-korporazzjoni konvenuta;

“(b) Tiddikjara li l-Malta Drydocks huma responsabbli ghad-danni rizultanti mit-terminazzjoni ta’ l-impieg qabel l-gheluq taz-zmien ghall-irtirar mix-xoghol, u mill-mewt ta’ Joseph Fenech;

“(c) Tiddikkjara li l-attrici Carmena Fenech u l-atturi Dorothy Fenech u James Fenech huma skond il-ligi intitolati ghall-hlas tad-danni imsemmija;

“(d) Tillikwida l-imsemmija danni; u

“(e) Tordna lill-Malta Drydocks ihallsu lill-atturi flimkien id-danni hekk likwidati, bl-imghaxijiet, sal-gurnata tal-pagament effettiv;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-28 ta’ April 1997 kontra l-korporazzjoni konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ingunti ghas-subizjoni;”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

“2. Illi f’ kull kaz u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma preskritti wkoll ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

“3. Fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccepjenti ma tahti bl-ebda mod ghall-marda li allegatament kien isofri biha u miet Joseph Fenech, u ma kienetx negligenti, traskurata jew naqset b’xi mod iehor. Il-Korporazzjoni dejjem inkarigat nies kompetenti li kienu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha maghrufa u mehtiega fix-xoghol taghhom;

“4. Illi inoltre l-mejjet Joseph Fenech kien irtira mill-impjieg fuq talba tieghu stess biex jigi *boarded out* u effettivament inghata l-kumpens taht l-iskema applikabbli;

“5. Illi konsegwentement il-Malta Drydocks ma hija responsabbli ghal ebda danni kif mitluba mill-atturi;

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Dicembru 2006, li in forza taghha ddecidiet billi:

“Taqta’ l-kawza billi, prevja r-rigett ta’ l-eccezzjonijiet kollha tat-Tarzna konvenuta, tiddeciedi adezivament ghall-istanza ta’ l-atturi billi tilqa’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet taghhom. Ghalissa l-Qorti qed tissospendi l-gudizzju taghha fuq l-ahhar zewg talbiet biex taghti l-opportunita` lill-partijiet li jilhqu ftehim sodisfacenti dwar il-likwidazzjoni tad-danni barra mill-Qorti. Ghal dan il-fini l-kawza qed tigi

differita ghall-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2007, b' dan illi jekk sa dakinhar ma jkunx ghadu ntlahaq tali ftehim, issir id-debita trattazzjoni ta' l-istess talbiet u l-kawza tigi aggornata ghas-sentenza dwarhom.

"L-ispejjez gudizzjarji s' issa inkorsi jitbatew mit-Tarzna konvenuta."

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-oggett tal-kawza proposta mill-atturi hi wahda kjarament ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni minhabba l-konstringiment impost fuq il-kongunt taghhom Joseph Fenech li jirtira qabel iz-zmien mill-impjieg tieghu mat-Tarzna, kawza tal-marda kancerogena kkuntrattata fil-kors ta' l-istess impjieg minn kuntatt ma' prodotti manifatturati mill-asbestos, u l-konsegwenti decess tieghu b' rizultat ta' l-istess marda;

"Il-fatti ewlenin tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitolati kif gej:-

"(1) L-imsemmi Joseph Fenech kien fl-impjieg mat-Tarzna konvenuta mit-30 ta' Marzu 1959 sat-13 ta' Jannar 1995. Matul dan il-perijodu huwa hadem bhala *yard boy*, *skilled labourer*, *assistant boilermaker* u *boilermaker*. Ara Certificate of Service a fol. 5 tal-process;

"(2) Fl-1992 hu beda jsofri minn qtugh ta' nifs u soghla u, fuq il-parir tal-mediku li ezaminah, irrikorra l-Isptar biex isirulu certi testijiet. Minnhom gie finalment dianjostikat illi l-istess Joseph Fenech kien affett minn "Malignant Mesothelioma". Ara ic-certifikati medici a fol. 6 u 7 tal-process rilaxxjati mill-konsulent mediku Dr. Emanuel Farrugia fl-20 ta' Mejju 1994 u 4 ta' Awissu 1995;

"(3) Kagun ta' din il-marda Joseph Fenech opta li jitlaq mill-impjieg skond wahda mill-iskemi ezistenti dak iz-

zmien fit-Tarzna ghall-irtirar kmieni. Dan sehh fit-13 ta' Jannar 1995;

"(4) Eventwalment miet fit-12 ta' Frar 1997 fl-eta` ta' 55 sena. L-atti ta' l-awtopsja (fol. 57 u fol. 133) li saritlu mill-Patologu Dr. James Degaetano tikkonferma l-presenza ta' "*widely invasive malignant Mesothelioma*";

"(5) Kif manifest minn dokumenti u verbali l-atturi rnexxielhom jottjienu rizarciment f' danni minghand xi sidien barranin tal-vapuri li ssewwew fit-Tarzna. Ara fol. 37, fol. 40 u fol. 55;

"Jokkorri forsi f' dan l-istadju u qabel kull konsiderazzjoni ohra illi jsiru certi riljievi medici in materja tax-xorta ta' marda kkuntrattata mid-*decujus* Joseph Fenech u li gabet id-decess tieghu. Dan kemm mir-ricerka kondotta mill-Qorti u l-aktar mix-xhieda tal-medici prodotti mill-atturi:-

"(i) "Malignant mesothelioma" huwa tumur "aggressiv immens" u "rari", pero` komuni hafna f' min hu espost ghall-asbestos. Infatti hu kkagunat minn "exposure kontinwu" ghall-asbestos fibres;

"(ii) Jinsab provvdut fil-letteratura medika illi "*asbestos fibres are amongst the smallest occurring types of mineral and are indestructable. If inhaled the fibres can collect in the lungs. The body's defences cannot prevent them penetrating deep into the lung tissue where they often make their way to the pleure and can trigger genetic mutations which can eventually cause a cell to become malignant.*" Dan kollu hu sopportat mir-rizultanzi ta' l-awtopsja;

"(iii) L-effetti nocivi ta' din l-esposizzjoni ghall-asbestos jizviluppaw wara hafna zmien; gieli 10 snin u hafna drabi bejn 20 u 40 sena. Skond Dr. Emanuel Farrugia (fol. 142), "dan it-tumur ikun dormant ghal hafna snin imbaghad qisu jqum f' daqqa. Meta jqum, il-prognosis huwa bleak";

"(iv) Prodotti manifatturati minn asbestos huma installati anke fil-vapuri, ad ezempju, "*pipe lagging systems*". Tali taghrif dwar il-prodotti, u hekk ukoll il-konoxxenza dwar il-konsegwenzi nocivi minn kuntatt jew esposizzjoni ghalihom, ma jidherx, fuq diskors ix-xhud precedenti, li huma aljieni fostna;

"Ferma din l-introduzzjoni qasira, jidher mill-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet tat-Tarzna konvenuta illi din tiddefendi ruhha b' serje ta' obbjezzjonijiet, maggorment ta' indoli legali. Sintetikament, dawn qed jigu riprodotti kif gej:-

"(1) L-atturi ma gabu ebda prova fattwali minima dwar in-natura tax-xoghol u specjalment provi konkluzivi ta' l-allegazzjoni taghhom li d-defunt u kongunt taghhom kien espost ghall-asbestos fil-kors ta' l-impjieg taghhom;

"(2) L-atturi ma pprovaw bl-ebda mod li t-Tarzna naqset mill-prudenza, diligenza jew attenzjoni tal-missier tajjeb tal-familja fil-prattici tax-xoghol taghha jew li b' xi mod iehor kisret xi obbligu mpost fuqha bil-ligi fiz-zmien rilevanti;

"(3) La tezisti l-ipotesi ta' responsabilita` delittwali l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li jkun sehh il-fatt illecitu li jkun ikkaguna d-dannu u mhux minn dakinhar li l-parti leza tinduna b' tali dannu jew minn meta jibdew jinhassu l-effetti dannuzi;

"(4) Fl-ahjar ipotesi ghall-atturi skond is-senjalazzjonijiet tat-tobba li xehdu, it-terminu preskrittiv beda ghaddej mill-1984, ghaliex dan kien l-ahhar zmien li fih seta' sehh il-fatt illecitu li kkawza d-dannu jew il-ksur tal-kuntratt tax-xoghol u mhux fl-ahhar snin ta' hajtu, meta hu sar jaf bil-marda li kellu u allegatament beda jhoss l-effetti taghha;

"(5) Il-fatt li l-atturi fittxew lil terzi jikkostitwixxi rikonoxximent da parti taghhom illi l-kagun tal-marda u l-mewt tal-kongunt taghhom ma kienetx it-Tarzna jew xi

sistema fix-xoghol taghha, imma dawn l-istess terzi li minghandhom fittxew u ottjenew il-kumpens relattiv;

“Preordinatament ghall-istharrig tal-punti hawn sollevati mit-Tarzna konvenuta jidher li hu bil-wisq importanti illi jigu sottolinejati dawn il-preliminari:-

“(1) *In primis*, l-ezistenza ta’ rapport kontrattwali bejn id-decujus u t-Tarzna li maghha l-istess decujus kien impjegat;

“(2) Tali rapport jimponi b’ obbligu fuq min ihaddem illi jadotta ghall-harsien ta’ l-impjegati tieghu mhux biss dawk il-mizuri specifici tassattivament imposti mil-ligi u mir-regolamenti in relazzjoni ghall-attivita` ezercitata imma wkoll b’ mod generali dawk il-mizuri dettati mill-prudenza komuni u mill-esperjenza li jkunu hekk mehtiega ghat-tutela tal-haddiem;

“(3) Hekk fil-korp tal-ligijiet taghna nsibu rikonoxxut dan l-obbligu normattiv tat-tutela taht l-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kapitolu 424), senjatament l-Artikolu 6 tieghu, konsistenti f’ dawk il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol. Att dan li hu estendibbli bhala parti mill-pakkett tal-kondizzjonijiet ta’ impjieg bl-Artikolu 9 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). F’ dan ma hemm xejn gdid li ma kienx jinghad u jifforma parti mill-Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945 kif minn zmien ghal zmien emendati;

“(4) Fundamentalment, imbaghad, dak l-istess obbligu jiddixxendi kostituzzjonalment ghad-difiza tad-drittijiet tal-hajja, u tar-rispett tas-sigurta` tal-persuna (Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni);

“(5) Tezisti wkoll gurisprudenza kopjuza li titratta dwar l-estensjoni ta’ l-attivita` ta’ prevenzjoni li taghha hu obbligat min ihaddem u tal-mizuri li dan tenut jadotta biex jigu skansati sitwazzjonijiet ta’ hsara ghall-haddiem;

"(6) Minn dan li nghad hi allura ipotizzabbli qaghda fejn il-fatt jivvjola drittijiet li jiskaturixxu minn vinkolu guridiku kontrattwali, daqs kemm ukoll ksur tad-drittijiet tal-persuna in bazi ghall-precett generali tan-'*neminem laedere*";

"(7) Tali vjolazzjoni taghti lok ghal konkors flimkien ta' l-azzjoni extra-kontrattwali tar-responsabilita`, ex-artikoli 1031 u 1032 (1) Kodici Civili, u dik kontrattwali bazata fuq il-ksur ta' l-obbligi posti mil-ligijiet fuq min ihaddem ghall-iskansar tad-dannu fuq il-persuna tal-haddiem;

"Fermi dawn il-preliminari, hu kompitu tal-gudikant f' materja ta' azzjoni ta' rizarciment ta' danni illi jaghmel certu process artikolat f' zewg fazijiet distinti:

"(1) Ta' l-ewwel, relattiva ghac-certezza tad-dannu u allura ta' l-accertament tar-responsabilita` improntata ghar-ricerka tan-ness ta' kawzalita`, hekk vitali fir-rapport bejn l-imgieba ta' l-awtur tad-dannu u l-event dannuz;

"(2) Tat-tieni, relattiva ghal kwantifikazzjoni tad-dannu;

"Innegabilment, ghal fini ta' l-accertament tar-responsabilita` ta' min ihaddem, jinkombi fuq il-haddiem jew is-successuri tieghu, li jillamentaw li ssubew dannu lis-sahha, li jaghtu prova, oltre ghall-ezistenza ta' dak id-dannu, tan-ness kawzali bejn il-pregudizzju soffert u l-ambjent nociv ghas-sahha fil-kors ta' l-espletament tal-hidma lavorativa. Provat dan, jaggrava, imbaghad, fuq min ihaddem il-piz li jiddemostra li hu adotta l-kawteli u l-mizuri protettivi kollha necessarji biex jimpedixxi d-dannu. Jew, ukoll, illi l-patologija lamentata mhix rikollegabbli ma' xi inosservanzi tal-harsien u tat-tutela preventiva da parti tieghu;

"Rigwardata mill-ottika tar-rapport kontrattwali ghandu jinghad illi l-kolpa hi fit-termini ta' l-Artikolu 1133 Kodici

Civili, wahda prezunta fil-kaz ta' inadempjenza. Mill-perspettiva tar-relazzjoni extra-kontrattwali hu l-attur li jrid jipprova l-kolpa f' min ikkagunalu d-dannu. Hu xieraq pero` li jigi hawn sottolinejat illi dan l-ahhar principju ma jgibx necessarjament illi l-gudikant ghandu, ghall-prova tal-kolpa, joqghod esklusivament fuq il-materjal probatorju offert mid-danneggjat. Hu sew maghruf illi din il-prova tista' tigi dezunta anke minn fatti cirkostanzjali jew notorji kif ukoll dawk prezuntivi in bazi ghall-'*id quod plerumque accidit*'. Dan ghal motiv li mhux dejjem hi haga facli l-akwizizzjoni tal-prova diretta;

"Applikat dan li nghad ghall-fattispeci tal-kaz konkret din il-Qorti thossha sodisfatta illi l-atturi ghamlu l-prova nkombenti fuqhom li jistabilixxu n-ness kawzali tad-dannu ma' l-attivita` zvolta mill-kongunt taghhom fil-kors tal-hidma tieghu fit-Tarzna. Essenzjalment, din il-prova jaghmluha t-tobba in kwantu l-wiehed, Dr. Emanuel Farrugia, jiccertifika (fol. 6) illi ghax-xorta ta' kankru riskontrat fid-decujus dan hu "*a direct result of exposure at his place of work*", u l-iehor, il-Patologu Dr. James Degaetano, jenfasizza illi "iktar minn probabilment, it-tumur zviluppat hu kagun ta' exposure to asbestos" (fol. 144);

"Hu insenjament siewi hafna dak li jafferma illi in materja ta' responsabilita` civili, bhala kontraddistinta minn dik kriminali, bizzejjed li jkun hemm "*moral certainty*", certezza morali f' mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali tigi bazata fuq fatti pruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li <u>naturalment</u> u <u>probabilment</u> jemergu minn dawn il-fatti. Hu ritenut infatti illi c-certezza morali rikjesta f' kawza civili hija l-effett tal-"*balance of probabilities*". Huma bosta d-decizjonijiet illustrativi fuq din it-tema. Sinjifikanti fosthom huma dawk fl-ismijiet "Eucaristico Zammit -vs- Eustrachio Petrococchino *nomine*", Appell Civili, 25 ta' Frar 1952; "Carmela armla ta' Lorenzo Borg *proprio et nomine* -vs- Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib", Qorti Civili, Prim' Awla, 17 ta' Lulju 1981 per Imhallef Hugh Harding u "Paolo Vassallo *et* -vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986;

“Akkoppjat max-xhieda tat-tobba tezisti l-prova inkontestata illi diversi sidien tal-vapuri li ssewwew fit-Tarzna irrikonoxxew l-ezistenza ta’ prodotti manifatturati mill-asbestos fuq il-vapuri taghhom u ghaddew biex ikkompensaw lill-eredi tal-mejjet. Apparti allura li l-marda patologika riskontrata ghandha minnha innifisha kollegament strett ma’ esposizzjoni kontinwa ghall-prodotti nocivi, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, b’ abbinament ukoll ta’ dik ic-certezza morali appena riferenzjata, intwera anke minn din il-prova tal-kumpens ricevut illi l-atturi rnexxielhom jiddemostraw illi t-Tarzna konvenuta ma mxietx b’ dik id-diligenza akkurata li jsemmu l-Artikoli 1032 (1) u 1132 (1) tal-Kodici Civili skond il-mudell konswet tal-*bonus paterfamilias*. Mhux dan biss pero`. L-istess Tarzna konvenuta, naqset li tiskarika minn fuqha l-oneru li turi ghas-sodisfazzjon u konvinciment tal-Qorti illi hi applikat dawk il-mizuri kollha opportuni ghall-harsien ta’ l-integrita` psiko-fiziku tad-decujus. Effettivament hi baqghet ma pproduciet ebda provi demostrattivi tal-mizuri mehuda ghall-adempiment ta’ l-obbligi kontrattwali u statutorji taghha li taghti protezzjoni lill-haddiema taghha. Dan meta hu ferm notorju illi certa attivita` kondotta fl-azjenda hi potenzjalment dannuza ghas-sahha minhabba s-sinistru li tista’ tikkawza u, dippju, bhal f’ dan il-kaz, tkun ingiebet il-prova tas-sekwela kawzali mal-fatti maghrufa;

“Din l-assenza ta’ provi da parti tat-Tarzna konvenuta titraduci ruhha f’ dik ir-responsabilita` ghad-danni ghal min jonqos li jezegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu skond l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Dan ghaliex din l-istess assenza ma tistax hlief tfisser assenza ta’ kawteli u assenza ta’ avvertenzi necessarji tar-riskji involuti, u dawn jissarrfu f’ dik l-imprudenza jew assenza ta’ diligenza li hi ghab-bazi kemm ta’ l-artikoli 1032 (1) u 1132 (1) ta’ l-istess Kodici Civili gja msemmija;

“Kontra din ir-responsabilita`, it-Tarzna konvenuta tissokta tiddefendi ruhha billi topponi ghall-azzjoni t-termini preskrittivi stabbiliti fl-Artikoli 2153 u 2156 (f) tal-Kodici Civili. Il-wahda dik bid-dekorriment taz-zmien ta’ sentejn, l-ohra biz-zmien ta’ hames snin. Jinghad a propozitu fis-sentenza a Vol. XXIX P I p 1340 illi “il-preskrizzjoni ta’

sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum, Artikolu 2153 Kodici Civili), hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma '*ex delictu vel quasi*'. Meta d-danni huma '*ex contractu*', ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn";

"Dan premess, fuq l-iskorta tad-decizjonijiet citati minnha, it-Tarzna konvenuta tipprospetta l-argoment illi gjaladarba t-tobba li xehdu stqarrew illi t-tumur jizviluppa wara tant snin, *ergo*, jekk wiehed jiehu l-anqas perijodu ta' 10 snin, il-fatt illecitu li wassal ghad-determinazzjoni definittiva tal-marda fl-1994 (ara certifikat mediku a fol. 6) kellu l-bidu tieghu fl-1984 fl-ahjar ipotesi ghall-atturi;

"Bir-rispett dovut din il-Qorti assolutament ma tistax tikkondividi dan l-argoment ghax ikun ifisser, kif sewwa gie rilevat mill-atturi fin-Nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri taghhom (fol. 179), illi min ikollu l-isfortuna li jizviluppawlu s-sintomi tat-tumur li, kif dikjarat, "ikun dormant", ma jista' qatt ikollu dritt ta' azzjoni ghax dik l-azzjoni tieghu tkun kolpita bit-trapass taz-zmien. Ragonevolment, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fil-kaz tal-vjolazzjoni tad-dover li tat lok ghall-insorgenza tal-marda fatali in diskussjoni l-perijodu preskrittiv jibda jiddekori mill-mument li fih Joseph Fenech kellu l-konsapevolezza pjena tal-marda, hekk ta' dannu apprezzabbli ghal sahhtu. Ikollu jinghad f' kaz bhal dan illi "dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata", li jippreciza l-Artikolu 2137 Kodici Civili, ragonevolment kellu korrispondenza mal-verifika u l-accertament definittiv li ghamel l-konsulent mediku Dr Emanuel Farrugia fl-1994;

"Issa huwa veru li fuq ix-xhieda ta' l-attrici Dorothy Fenech u dik ta' Dr Emanuel Farrugia d-decujus kien fl-1992 zviluppatlu soghla, qtugh ta' nifs u nuqqas ta' aptit. Ikollu jinghad pero` li sa hawn ma kienx ghad hemm minn dawn is-sintomi kollegament ma' xi esposizzjoni ghall-asbestos. Dan gie hekk determinat mir-rizultati tat-testijiet ezegwiti u li kkonfermaw il-presenza ta' "mesothelioma". Dan, skond l-ispecjalista Tabib Farrguia, sehh "ghall-ahhar ta' l-1993,

bidu ta' l-1994" (fol. 138). Konsiderata b' mod oggettiv din tiggustifika l-osservazzjoni ta' din il-Qorti illi l-perijodu preskrittiv kontemplat certament taht l-Artikolu 2156 (f) beda jiddekorri mill-1994. Li jfisser illi meta giet intavolata l-ittra ufficcjali tat-28 ta' April 1997 u hekk ukoll l-azzjoni (23 ta' Gunju 1997) il-perijodu preskrittiv ta' hames snin oppost ma kienx ghadu skada u dan iwassal ghar-rigett ta' din l-eccezzjoni;

"*In subjecta materia* din il-Qorti jidhrilha li f' dan l-istess kuntest hi valevoli din l-osservazzjoni kaptata mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (1 ta' Frar 1995, Numru 1168):-

""*L' art. 2087 c.c. il quale fa carico al datore di lavoro di adottare le misure necessarie a tutelare l' integrita del dipendente, introduce un dovere che trova fonte immediata e diretta nel rapporto di lavoro, e la cui inosservanza, pertanto, ove sia stata causa di danno, puo essere fatta valere dal dipendente medesimo con azione di risarcimento contrattuale (nell' ordinario termine decennale di prescrizione), indipendentemente dal fatto che la violazione stessa integri estremi di reato, ovvero configuri anche un illecito aquiliano determinante l' esperibilita` di azione extracontrattuale, in via concorrente, e, quindi, senza che l' eventuale preclusione di quest' ultima, come nel caso di decorso della prescrizione quinquennale, possa incidere sull' azione contrattuale*". Apparti l-perijodi preskrittivi distinti taht il-ligi Taljana u dik Maltija, mill-kumplament dak li nghad f' din is-sentenza jghodd ghall-kaz prezenti wkoll, trattasi ta' ipotesi ta' responsabilita` kontrattwali ampjament dibattuta u sostenuta f' dan il-gudizzju;

"Mir-riflessjonijiet maghmula fuq ir-rapport kontrattwali jikkonsegwi illi l-punt imqanqal mit-Tarzna konvenuta in calce ghan-Nota ta' l-osservazzjonijiet taghha (fol. 168) hu ghal kollox insostenibbli. Il-fatt li l-atturi agixxew kontra xi sidien partikolari tal-vapuri ma jgibx ghal daqshekk illi dan *per se* jikkostitwixxi xi prova liberatorja ta' l-istess Tarzna. Ir-rapport principali tad-defunt kostitwit bl-impjieg kien mat-Tarzna u kienet din li tassenjalu l-mansjonijiet li kellu jaghmel skond il-grad tieghu ta' *boilermaker*, u fuq liema

vapuri jigi ordnat li jippresta hidmietu. Jekk f' dan kollu kienet inkurja mit-tutela fizika tieghu, ir-responsabilita` hi principalment taghha. Naturalment xejn ma kien izomm lura lill-impjegat jew lis-successuri tieghu milli jfittxu wkoll ghar-rizarciment lil terzi responsabbli;

"Incidentalment, it-Tarzna konvenuta ssollevat ukoll il-punt illi hi giet kostitwita b' effett mill-1 ta' April 1975 bl-Att Numru XV ta' l-1975. Naturalment, fl-istess waqt li tissottolinea dan, tenfasizza wkoll illi, gjaladarba d-defunt kien gja ilu hmistax-il sena jippresta xoghol fit-Tarzna, allura, fuq l-indikazzjonijiet tat-tobba li hu anke possibbli li l-marda taf l-insorgenza taghha "hafna drabi bejn 20 u 40 sena", ir-responsabilita` ghal dak li gara tista' tkun ta' terzi u mhux taghha;

"Fuq dan il-punt il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

"(1) Ibda biex u fl-ewwel lok ghandu jigi notat illi l-istess tobba lanqas ma eskludew il-possibilita` illi din il-marda kiefra setghet kellha l-bidu taghha anke minn ghaxar (10) snin qabel id-decess. Li jfisser allura skond din l-ipotesi illi d-decujus ikkontratta l-marda meta kien impjegat effettiv tat-Tarzna konvenuta kif kostitwita bl-Att imsemmi. Att dan li jrid jinqara unitament ma' dak Numru XV ta' l-1968;

"(2) Ankorke kellu jinghad, u dan qed jigi rilevat *gratia argomenti* biss, illi l-marda ta' Joseph Fenech skoppjat fiz-zmien anterjuri ghall-precitati Atti, xorta wahda t-Tarzna konvenuta ma tistax, ghal dik ir-raguni, tqis ruhha skagonata minn kull imputabilita` ghad-dannu arrekat;

"(3) Opportunement ghandu jkun iccarat illi l-Att Numru XV ta' l-1968 u dak l-iehor ta' l-1975 li emendah kienu mahsuba principalment ghat-trasferiment ta' l-azzjonijiet ta' Bailey (Malta) Ltd u t-twaqqif tal-Korporazzjoni tat-Tarzna u t-trasferiment lilha ta' xi attiv, kompriz li din tassumi r-responsabilita` ghall-passiv tal-kumpanija cedenti [Artikolu 17 (4) ta' l-Att ta' 1968]. Minn

imkien minn dawn l-Atti ma nsibu li d-drittijiet kweziti ta' l-impjegati tal-kumpanija msemmija ghal dawk li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom kienu qed jigu mittiefsa jew b' xi mod iehor alterati;

"(4) Jikkonsegwi minn dan illi t-trasferiment ta' l-azjenda minghand Bailey (Malta) Ltd lit-Tarzna, ghalkemm zamm immutat l-oggett u l-attivita` objettiva ta' l-azjenda, gab mieghu sostituzzjoni tal-persuna tat-titolari bis-sahha tal-mezz statutorju kostitwit bl-Atti imsemmija u li bihom giet attwata dik is-sostituzzjoni. Jikkonsegwi wkoll illi t-Tarzna, in kwantu successur fit-titolu ta' l-azjenda u kontinwatrici ta' l-ezercizzju ta' l-attivita` azjendali, saret il-principal il-gdid tal-haddiema li kien hemm f' dak il-mument u li kellhom rapport validu u effikaci tax-xoghol. Dan ghar-raguni, jekk hemm bzonn jigi ripetut, illi dak ir-rapport tax-xoghol ezistenti, ghallanqas minn dawk l-atti, ma jirrizultax li gie rizolut. Del resto, ukoll, anke hawn it-Tarzna konvenuta ma ressqet ebda prova in kuntrarju;
"(5) Li jfisser allura illi t-Tarzna mhux biss assumiet l-obbligu ghall-passiv tal-kumpanija cedenti, imma wkoll kull obbligazzjoni li l-haddiema seta' kellhom fil-mument tat-trasferiment u li bl-operat tat-trasferiment saru dipendenti taghha;

"(6) Il-fehma hawn espressa mill-Qorti hi llum imsahha mill-provvediment mill-Artikolu 38 (1) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) li jipprovdi fil-parametri tar-rapport tax-xoghol illi l-ingress tac-cessjonarju fl-azjenda ma jgib ebda mutament tad-drittijiet u obbligi li min itrasferilu kellu fir-rigward ta' l-impjegat. Obbligi dawn li, *inter alia*, kienu ragonevolment jikkomprendu l-harsien shih ta' l-inkolumita` psiko-fizika ta' l-istess impjegat;

"(7) Forsi ma jkunx barra minn loku fuq dan il-punt illi jsir rikjam ghad-decizjoni tal-House of Lords in re "**Fairchild -vs- Glenhaven Funeral Services Ltd**" (2002). Fil-qosor din id-decizjoni rriteniet illi fil-kaz ta' "*mesothelioma claims*" il-persuna aggravata jew is-successuri taghha setghu jirkupraw danni anke minghand

wiehed biss mill-principali tieghu. Il-motiv additat kien dak li stante n-natura unika u pekuljari tal-marda hekk ikkawzata minn ftit "*asbestos fibres*" ankorke` il-vittma kien espost f' aktar minn okkazjoni wahda ghalihom, ir-responsabilita` ta' l-insorgenza tal-marda kellha titqies indivizibbli ghaliex ma kienx possibbli li jkun determinat min fost id-diversi principali kien hekk responsabbli ghal marda;

"(8) Fil-verita`, bil-konoxxenza pjena ta' din ix-xorta ta' marda u tal-konsegwenzi taghha, din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni biex ma tikkonkordax hi wkoll mal-fehma espressa f' din is-sentenza, anke fid-dawl tal-principji generali tad-dritt taht il-Kodici Civili in materja ta' l-obbligazzjonijiet *in solidum*. Bil-kontra, ma ssibx li l-punt imqajjem mit-Tarzna konvenuta f' dan il-kuntest huwa sostenibbli;

"Determinata l-fazi processwali koncernanti r-responsabilita`, din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun illi ma tghaddix ghalissa ghat-tieni fazi tal-likwidazzjoni tad-danni. Dan bl-intendiment li taghti opportunita` lill-partijiet li jikkoltivaw, u possibilment jilhqu, arrangament dwarhom barra mill-Qorti, kif hekk dejjem awspikat li jsir f' kazijiet ta' din ix-xorta."

Rat is-sentenza finali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2008, li in forza taghha ddeterminat il-kawza fis-sens li gej:

"Il-Qorti tiddisponi mir-raba' u mill-hames talbiet ta' l-atturi billi tilqa' l-istess u tillikwida l-ammont ta' danni favur l-atturi bhala konsegwenza tal-mewt tal-kongunt taghhom Joseph Fenech fis-somma ta' erba' u erbghin elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltija (Lm44,267) ekwivalenti ghal mija u tlett elef mija u erbatax-il euro, sebgha u tletin centezmu (€103114.37). Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-atturi din is-somma li qed tigi likwidata, flimkien ma' l-imghaxijiet dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez tal-kawza jibqghu sopportabbli mill-istess konvenut *nomine*."

Dik il-Qorti tat din it-tieni sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Id-decizjoni li trid tasal ghaliha din il-Qorti hi wahda limitata ghall-valutazzjoni u likwidazzjoni tad-danni subiti mill-atturi bhala konsegwenza tal-mewt tal-kongunt taghhom Joseph Fenech. Essenzjalment, ir-raba’ u l-hames talba tac-citazzjoni, gjaladarba t-talbiet l-ohra gja gew definiti bis-sentenza anterjuri ta’ din l-istess Qorti moghtija fis-6 ta’ Dicembru, 2006;

“Hi disposizzjoni cara tal-Kodici Civili fl-Artikolu 1046 tieghu illi l-mewt ta’ persuna, kawza ta’ incident ghal liema l-parti mharrka hi responsabbli, iggib b’konsegwenza danni ta’ natura patrimonjali fil-forma duplici ta’ *damnum emergens* u *lucrum cessans*. Dan, “bhal fil-kaz ta’ inkapacita` totali ghal dejjem”. Anke jekk ghadhom jezistu divergenzi ta’ veduti f’xi sentenzi fuq is-sinjifikat u l-portata tal-kelma “werrieta” fl-imsemmija disposizzjoni, din il-Qorti tinklina biex tabbraccja l-hsieb manifest mill-Qorti ta’ l-Appell, sede Civili, fid-decizjoni taghha tal-31 ta’ Jannar, 1977 in re: “Giuseppa armla ta’ Salvatore Cortis -vs- Cecil Baker *nomine*”, u fejn dik il-Qorti rrizolviet il-problematika dwar jekk is-superstiti ghandhomx dritt ghar-rizarciment *iure proprio* jew *iure hereditatis* billi rriteniet li l-persuni legittimati jagixxu *iure proprio*;

“Maghdud dan, il-Qorti lanqas ma tista’ teskludi illi jista’ jissucciedi wkoll, bhal fil-kaz prezenti, li bejn l-insorgenza tal-lezjoni u l-mewt jinterkorri certu intervall ta’ zmien, f’liema eventwalita` d-danni jkunu mmaturaw ghaf-favur tad-denneggjat *in testa propria* u tali dritt ghal konsegwiment taghhom minhabba d-decess hu trasferibbli *jure hereditatis.* Fejn issehh din l-ipotesi wiehed necessarjament jifhem illi l-pretensjonijiet fil-kongunti tal-mejjet jikkomprendu kumulu *iure proprio* u *jure successionis*. Ta’ din ix-xehta hu l-kaz prospettat anke hawnhekk;

“Premessa din l-introduzzjoni, mill-fatti tal-kaz kif rakkontati fid-decizjoni anterjuri taghha bejn l-istess partijiet, ghandu jirrizulta illi d-defunt Joseph Fenech,

*boilermaker* mat-Tarzna, ikkuntratta marda kancerogena (*malignant mesothelioma*) minn kuntatt ma' prodotti manifatturati mill-asbestos fil-kors ta' l-impjieg tieghu. Kawza ta' dan huwa kien kostrett jirtira mill-impjieg fit-13 ta' Jannar, 1995 u, eventwalment, miet fit-22 ta' Frar, 1997 fl-eta` ta' hamsa u hamsin (55) sena;

"Jibda biex jigi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-ezami tad-decizjonijiet kopjuzi fuq is-suggett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, il-problema l-aktar spinuza, tant li, storikament, ma jonqsux certi kawteli mill-Qrati in meritu ghal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess gurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taz-zmenijiet gew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw rizultat univoku jew gustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-izviluppi li sehhew fis-snin disghin il-metodu li jihder ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf ghab-bazi tal-*working years expectancy*. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuci li sostniet li l-kriterju bazat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu ghal kollox riskjuz u alejatorju, sempliciment ghaliex wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-*chances and changes* tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz jista' jigi modellat" ("Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad ezempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wiehed jista' jipprospetta qaghda fejn, minhabba in-natura tax-xoghol ta' certu strapazz, id-danneggjat jew id-decujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naha l-ohra wiehed jista' jargomenta wkoll illi gjaladarba fiz-zmenijiet recenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xoghol qeghda tizdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu ghal wahda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-*multiplier* ghandha tiehu gharfien ta' dan l-izvilupp gdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza taghha tas-27 ta' Lulju, 2007 in re: "Francesco Sultana *et* –vs- Frances Xavier Grech *et*";

"Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perijodu tal-*multiplier* suppost li jibda jghaddi mid-data ta'

l-incident (ara "Carmelo Camilleri –vs- Alfred Falzon", Appell Civili, 14 ta' Mejju, 1984), li f'dan il-kaz jidher li kellu l-bidu accertat tieghu fis-sena 1994, din il-Qorti tara li hu gust li bhala *multiplier* tadotta l-perijodu ta' tmien (8) snin hajja lavorativa, ossija dik bejn l-irtirar tad-defunt mix-xoghol (1995) u l-eta` tal-pensjoni tieghu (2003);

"Ghal dak li hu telf ta' introjtu din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrikorri ghall-ebda previzjoni, anke ghaliex dan jinsab supplit fil-konkret mit-tabella esebita a fol. 233 tal-process mix-xhud Alfred Mifsud, Payofficer Manager tal-Malta Shipyards. Din it-tabella tipprovdi *breakdown*, ras ghal ras, ta' kemm erba' impjegati *boilermakers* fit-Tarzna qalghu bhala *gross pay* fil-perijodu in ezami. Jispejga dan ix-xhud illi din il-*gross pay* hi komprensiva ta' *allowances* u *overtime*. Dan m'ghandux b'daqshekk ifixkel l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti tad-dhul effettiv mitluf in kwantu kien ragonevolment mistenni li d-defunt ukoll jippercepixxi dhul ta' *allowances* u *overtime*. Il-fatt li l-impjegati l-ohra shabu fl-istess kategorija tieghu komplew jibbenefikaw minn dhul bhal dan jikkonsolida din il-fehma;

"Issa meta wiehed jikkonsidra d-dhul li kellhom l-erba' impjegati skond it-tabella esebita ghandu jirrizulta illi bhala medja d-defunt gie li tilef f'paga gross ghal kull wahda mit-tmien snin dawn ic-cifri:-

| | |
|---|---|
| 1995 | Lm6451 |
| 1996 | Lm6909 |
| 1997 | Lm5956 |
| 1998 | Lm7378 |
| 1999 | Lm7422 |
| 2000 | Lm7166 |
| 2001 | Lm8083 |
| 2002 | Lm7652 |
| 2003 | Lm8020 |
| Total | Lm65037 |

"Gjaladarba, kif jirrizulta, id-defunt kien jilhaq l-eta` tal-pensjoni f'Marzu 2003, minn dan l-ammont totali trid titnaqqas is-somma ta' sitt elef u hmistax-il lira (Lm6015) ekwivalenti ghad-dhul mill-impjieg li, minhabba l-eta`

milhuqa tal-pensjoni kif fuq inghad l-istess defunt ma kienx, f’kull kaz, jahdem. Li jfisser, allura, telf effettiv ta’ dhul ta’ disgha u hamsin elf u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm59022);

“Fl-istat tal-ligi kif prezentement hi, din il-Qorti, kif presjeduta, b’osservazzjoni li ghamlet in referenza ghas-sottrazzjonijiet li solitament isiru f’kazijiet konsimili kienet irrimarkat li l-prattici tad-detrazzjoni ghall-“*own consumption*” u “grad ta’ dipendenza”, aktarx introdotti mid-duttrina Ingliza, ma kienu jsibu l-ebda gustifikazzjoni skond il-vot tal-ligi fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Kif issoktat tikkummenta fid-decizjoni taghha tat-3 ta’ Ottubru, 2003 fil-kaz “Angelo Galea *et* -vs- Silvio Piscopo”, “altrimenti jibqa’ jkollna s-sitwazzjoni assurda, u mhux aktar tenibbli, illi l-mewt, rizultat ta’ fatt illecitu, tkompli tiswa anqas minn semplici menomazzjoni fizio-psikika konsegwenti mill-istess fatt”. Jirrizulta minn ricerka li l-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali rrikonoxxiet hi wkoll, ftit granet wara d-decizjoni ta’ din il-Qorti, illi “l-ligi taghna fl-Artikoli 1045 u 1046 ma titkellem xejn fuq ‘*dependency’* ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni u li kienu biss il-qrati li, b’sens ta’ gustizzja u ekwita`, introducew dan l-aspett innovattiv fis-sistema guridika taghna.” Ara “Guzeppi Agius *et* –vs- Tarcisio Fenech”, Appell, 29 ta’ Ottubru, 2003. Dejjem dik l-istess Qorti, b’divergenza ta’ fehma ghal dik ta’ l-ewwel Qorti, issoktat f’sentenza posterjuri tirritjeni illi kellha ssegwi l-indirizz gurisprudenzjali fuq iz-zewg temi tad-*dependency* u tal-konsum personali ghaliex inkellha, mod iehor, kienet iggib “strapp mhux gustifikat f’dik li hi prassi stabbilita fl-istess gurisprudenza”. Ara “Anthony Turner *et* –vs- Francis Agius *et*”, Appell, 28 ta’ Novembru, 2003;

“Din il-Qorti, ankorke mhix ghal kollox konvinta mill-argomenti migjuba, ser ikollha tosserva, anke jekk b’certa riluttanza, l-awtorita` tal-Qorti Superjuri fuq it-tematika tas-succitati zewg aspetti ta’ sottrazzjonijiet;

“Indiskutibilment, il-kwestjoni tad-“*<u>degree of dependancy</u>*” hi f’dan il-kaz mill-ewwel eliminata stante li l-atturi huma l-armla u wlied id-decujus u, allura, “m’ghandhux isir it-tnaqqis li kien isir kieku d-*degree of dependancy* kien

wiehed baxx" ("Laura Formosa *et* –vs- Emanten Spiteri *et*", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' April, 2005 per Imhallef Tonio Mallia);

"Fil-kaz ta' "konsum personali" jidher li l-Qrati adoperaw tnaqqis li jvarja minn 25% sa 33%. Ghall-iskop ta' din il-kawza l-Qorti qed tadotta tnaqqis ta' 25%. Dan igib li s-somma kapitali fuq stabbilita ta' Lm59022 trid tigi ridotta b'erbatax-il elf mija seba' mija u hamsa u hamsin lira ghal erbgha u erbghin elf mitejn u sebgha u sittin lira Maltija (Lm44267);

"Jifdal il-konsiderazzjoni tar-riduzzjoni ulterjuri li fil-kazijiet generali tigi applikata ghal *lump sum payment*. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ispecje konsiderat li l-incidenza tad-dannu okkorriet kwazi tlettax-il sena ilu u l-likwidazzjoni dovuta ghadha ma gietx effettivament determinata u mhallsa ma kienx il-kaz li jsir tnaqqis tal-percentagg li solitament jinghata f'materja ta' likwidazzjoni ta' kumpens. Jekk xejn, anke bi tpattija ghal fatt illi ma hux sallum possibbli li jigi degretat il-hlas ta' l-imghax mid-data meta gie kagonat id-dannu. Ara "Mark Caruana –vs- Grazio *sive* Horace Camilleri", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1993). Kif ulterjorment, imbaghad, gie deciz "f'kazijiet fejn il-likwidazzjoni gudizzjarja ddum ma tigi definita ghal bosta snin wiehed ma setax jikkonsidra l-pagament bhala *lump sum payment*. Kellu ghal kuntrarju jikkonsidrah bhala pagament tardiv li ghalih id-danneggjat ma kellux jigi indebitament penalizzat" ("Carmelo Galea –vs- Albert Mizzi *et nomine*", Appell, 23 ta' April, 2001);

"Punt ta' l-ahhar. Din il-Qorti mhix tant interessata fuq x'ircevew jew ma rcevewx l-atturi minghand it-terzi sidien jew operaturi ta' bastimenti li fuqhom hadem id-decujus. Dan skond il-lista dettaljata a fol. 55. Dak li jghodd huwa li l-konvenut *nomine* kien il-persuna obbligata ghar-rizarciment tad-danni li tnisslet mid-decess tal-kongunt taghhom. Kull dhul iehor ta' kumpens minn sorsi ohra ghandu ghal finijiet tar-rapport bejn id-defunt u t-Tarzna jitqies *res inter alios acta*."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"......tirrevoka u thassar is-sentenza parzjali fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti fis-6 ta' Dicembru 2006 u s-sentenza finali fl-ismijiet premessi moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2008 u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent nomine u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-armla ta' Joseph Fenech u wliedu qed jitolbu kumpens wara l-mewt ta' Joseph Fenech fit-22 ta' Frar 1997, hu kien jahdem mal-korporazzjoni konvenuta bhala *boiler maker*. Peress li kien allura espost ghall-asbestos, hu garrab il-marda ta' mesothelioma (li hi forma ta' tumur aggressiva hafna) li waslet ghall-mewt tieghu. L-eredi ta' Joseph Fenech qed jallegaw li ghall-mewt tieghu tahti l-korporazzjoni konvenuta ghax din naqset milli tiehu dawk il-mizuri effettivi biex tipprotegi l-haddiema taghha minn din il-marda.

L-ewwel Qorti sabet favur l-atturi u llikwidat kumpens fis-somma ta' €103,114.37.

Il-konvenut nomine appella mis-sentenza u ressaq diversi aggravji bhala kritika tas-sentenzi appellati. Hu jsostni, fost affarijiet ohra, li mhux car jekk ir-responsabbilta` tal-korporazzjoni instabitx fuq bazi ta' ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali jew minhabba kwazi-delitt, f'kull kaz ma giex muri li l-korporazzjoni kienet taf bil-perikolu tal-asbestos fi zmien rilevanti li, f'kull kaz, l-azzjoni hi preskritta, u li lanqas ma jirrizulta sodisfacentement il-*casual link* bejn l-attivita` tad-*decujus* fuq il-lant tax-xoghol u l-mewt tieghu; jilmenta wkoll kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni.

Trattati dawn id-diversi aggravji, din il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-punt jekk il-korporazzjoni konvenuta kienitx taf jew kellhiex tkun taf bil-hsara li jikkaguna l-asbestos fil-bniedem fiz-zmien rilevanti. Id-*decujus* dahal jahdem fid-*drydocks* fit-30 ta' Marzu 1959 meta r-responsabbilta` tat-tmexxija kienet f'idejn Bailey (Malta) Ltd. Sussegwentement, bis-sahha tal-Att XV tal-1968, huwa gie jahdem mal-korporazzjoni Malta Drydocks fejn baqa' sakemm irtira taht skema ta' irtirar kmieni mix-xoghol fit-13 ta' Jannar 1995. Dwar il-perikolu tal-asbestos, dan il-punt kien gie ikkunsidrat minn din il-Qorti fil-kawza **Desira v. Grech & Co. Ltd** deciza fit-2 ta' Dicembru 2005. Fiha ntqal hekk:

"Fil-fehma ta' din il-Qorti kif sewwa ssottomettew l-appellati, il-fatt li l-asbestos kien jintuza internazzjonalment u kien jigi importat legalment sal-1994 ma jfissirx li s-socjetajiet konvenuti ma kienux obbligati li jassikuraw li l-haddiema taghhom ikunu protetti mill-perikli kkawzati minn din is-sustanza. L-obbligu ta' min ihaddem f'cirkostanzi simili gie trattat mill-awtur Micheal Whincup[1] fejn irritjeni li,

""*Sometimes diseases develop which the plaintiff says were caused by his work many years earlier. The employer's liability depends on what he should have known of the dangers at that earlier date. He could not be expected to know what was yet not known to the medical profession, or which had only been discussed say in research papers published in medical journals: Wright vs Dunlop, 1972; Harman v. Mitcham 1955. But he is certainly obliged to keep abreast of information published in trade journals and official reports and notices, particularly those published by the Health and Safety Commission or the Department of Employment : Ransom v. Mc Alpine, 1971.*"

"Mir-relazzjoni ta' l-esperti medici hareg bic-car li tali perikolu fis-snin sebghin kienu diga` noti u b'hekk kien obbligu ta' l-appellanti li jipprovdu *a safe place of work* u

[1] Modern Employment Law 6th Edition, pages 208-209

issa ma jistghux jippruvaw jinhbew wara l-iskuza li kulhadd kien juza l-asbestos, u wara l-argument mgebbed li dak li kellu u li seta' jigi pprovdut fis-snin sittin mhux dak li ghandu jigi pprovdut illum. In fatti jekk wiehed jaghmel ricerka semplici fl-internet dwar l-asbestos u l-*Mesothelioma* jsib bosta informazzjoni li tikkonferma dan u infatti f'wiehed minn dawn is-siti gie spjegat illi –

*““Throughout the 1930s, the association of asbestos and lung disease was well known by both asbestos manufacturers and their insurers, to the extent that the use of asbestos was in decline by the start of World War II. However, its production grew hugely during the war for use in ships, and continued to grow over the next three decades.*

*“In 1960, the first series of asbestos-related malignnt mesotheliomas was reported in 33 workers in a South Africa crocidolite mine. Other reports followed linking asbestos to malignant mesothelioma amongst pipe fitters in the USA, other reports followed from around the world. Asbestos was classified as a carcinogen in 1977 by the International Agency for Research on Cancer*.”[2]

Hekk ukoll, fil-ktieb “Health and Safety Law: A modern Guide” ta' Jeffrey Zindani (Edit. 2002 pagna 182), hemm riferenza ghal din il-problema li nqalghet ukoll fir-Renju Unit, u jispjega li kull min kien espost ghall-asbestos fil-hamsinijiet mhux tenut jipprova *'heavy exposure'* biex jirnexxi fl-azzjoni. Hekk jinghad fil-parti rilevanti:

*“In Jeromson v. Shell Tankers Limited (2001) E.W.C.A Civ 101, judgment of 2 February 2001, the Court of Appeal considered the question, which frequently arises in this type of litigation, of whether employers ought to have been aware of the risk of injury from asbestos in the 1950s. It will be remembered that the link between very light asbestos exposure and mesothelioma was not discovered until 1960 and it is frequently argued that, prior*

[2] site – *mesothelioma* awareness – www.*mesothelioma*wareness.com/history

*to that date, claimants can only establish liability if there was heavy exposure to asbestos.*

*"The finding of fact in this case was that the claimants, who where marin engineers on ships between 1951 and 1961, were exposed to intense concentrations of asbestos dust on a regular basis but in the most part these would be for minutes rather than hours. On occasion exposures would be for hours. The Court of Appeal asked the question: whether the reasonable and careful employer taking positive thought for the safety of his workers would have identified enough of a risk for him either to take precautions or to take advice? The court considered much of the relevant literature and quoted at length from it and concluded that: "There is no reassurance to be found in the literature that the level of exposure found by the judge in this case was safe and much to suggest that it might well not be so." This case therefore is strong support for the view that a claimant exposed to asbestos in the 1950s does not have to prove heavy exposure in order to establish liability."*
Mill-premess isegwi, li tul l-impieg tad-*decujus* diga` kien hemm gharfien dwar il-perikolu ta' xoghol mal-asbestos, u min kien qed ihaddem kien fid-dover li jipprotegi lill-haddiema kollha kontra din il-hsara.

Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min ihaddem, il-Qrati taghna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min ihaddem li jipprovdi *'a safe place of work'*, izda rari kienu jidhlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min ihaddem li hekk jipprovdi jkunx agir bi ksur ta' obbligu kontrattwali jew agir delitwali. Li hu zgur hu li l-Qrati dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min ihaddem, bhalikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-haddiem li jipprotegieh. Fil-kawza **Sultana v. Spiteri**, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, gie osservat li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sigurezza ghal min ikun qed jahdem, obbligu specifiku u determinat li donnu johrog mill-isfera tal-kuncett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilta` taht delitt u kwazi-delitt. Il-Qrati taghna espandew fuq dan l-obbligu ta' min ihaddem, u jinsistu fuq

id-dover tieghu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xoghol nadif u hieles minn perikolu, stharrig u supervizjoni tal-haddiema, manutenzjoni regolari fuq kull bicca magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xoghol (ara, per ezempju, il-kawza **Galea v. Meilaq noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min ihaddem *"to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employee must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"* – **Borg v. Wells noe**, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jigi iffirmat kuntratt ta' impieg bejn min ihaddem u l-haddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jiehu hsieb l-inkolumita tal-haddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bhala parti mit-termini tal-istess kuntratt.

L-ewwel Qorti, f'din il-kawza, qieset l-obbligazzjoni ta' min ihaddem taht il-kappa ta' kuntratt, u dan meta qieset li r-responsabbilta` tat-Tarzna tohrog mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili, li jitkellmu fuq l-effetti f'kaz li l-obbligazzjoni ma tigix esegwita. Hawnhekk, il-Qorti kienet qed isegwi dak li ntqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Debono v. Malta Drydocks** li nghatat fis-27 ta' April 2005, fejn gew delineati dawn il-principji:

"Dan premess, ma jista' qatt ikun dubitat illi min ihaddem hu tenut jadotta l-mizuri kollha idoneji biex jittutela lill-impjegati tieghu. Din ir-responsabilita` <u>ghandha natura kontrattwali</u> bil-konsegwenza li, ghall-iskop tar-rizarciment tad-danni fuq il-persuna, jaggrava fuq il-haddiem li jipprova l-inadempiment ta' min ihaddem ghall-obbligu ta' l-adozzjoni ta' tali mizuri;

"Jekk l-impjegat jirnexxielu jassolvi tali oneru tan-nuqqas ta' mizuri adegwati ma ghandux ghalfejn, *stricto jure*, jiddemostra s-sussistenza tal-kolpa tal-principal inadempjenti. Jinkombi fuq dan ta' l-ahhar li juri li l-event leziv sehh minhabba fatt mhux imputabbli lilu."

(ara wkoll **Tabone v. T.G. Services (Gozo) Ltd**, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2008).

Din il-Qorti tosserva li hekk tidher li hi l-posizzjoni taht il-*common law* Ingliza. Fil-ktieb “Occupational Health & Safety Law” ta’ Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 pagna 28) intqal li fejn hemm kuntratt ta’ impieg, *“it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract”.*

Minn dan isegwi li zgur l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ sentejn bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma tregix, peress li din tikkontempla preskrizzjoni ghall-hlas tal-hsarat derivanti minn delitti u kwazi-delitti. Isegwi wkoll, kif gie osservat fil-kawza **Debono v. Malta Drydocks**, supra, li hu bizzejjed ghall-haddiem li juri n-nuqqas ta’ tehid ta’ mizuri adegwati, bl-obbligu mbaghad ikun fuq min ihaddem biex jipprova jeskulpa ruhu.

Mill-provi, din il-Qorti hi sodisfatta li l-korporazzjoni konvenuta, fiz-zmien tal-impieg ta’ Joseph Fenech, ma hadet ebda mizuri biex tipprotegi lill-haddiema taghha kontra l-perikolu gej mill-asbestos. Jirrizulta wkoll li tul iz-zminijiet sar xoghol mid-*decujus* in konnessjoni mal-asbestos, u ghal dan ix-xoghol hu ma gie provdut b’ebda hwejjeg jew maskri prottetivi. Ix-xhud tabib Emanuel Farrugia stqarr li Joseph Fenech kellu misothelioma, li hu tumur fil-*lining* ta’ madwar il-pulmun. Hu stqarr kategorikament li dan huwa tumur ikkagunat mill-asbestos *fibres*. Fil-kaz ta’ Joseph Fenech kien car li *“he inhaled the asbestos fibres”* ghax dan instab fil-pulmun u mhux fl-istonku. Bhala *boilermaker*, is-Sur Fenech kien zgur espost ghall-asbestos, u kif ikkonferma l-istess tabib, il-kundizzjoni tad-*decujus “was caused by occupational exposure to asbestos of Malta Drydocks”*. Tal-istess fehma kien ix-xhud tabib James DeGaetano li ghamel l-awtopsja fuq Joseph Fenech, u li kkonferma li dan miet kagun ta’ *malignant* mesothelioma kagun ta’ *‘exposure to asbestos’*. Dan tal-ahhar ma setax jghid minn fejn giet din l-*exposure*, pero`, ikkonferma li din htiegilha s-snin biex timmanifesta ruhha, ghax dan tumur li jizviluppa “wara hafna zmien”, u aktar ma tkun espost, aktar aghar.

Meta tqis is-snin twal li Joseph Fenech hadem id-Drydocks u li miet b'marda li tirrizulta minn *'exposure to asbestos fibres'*, meta tqis ix-xoghol li kien jaghmel u li ma giex indikat li hu kien qed jaghmel xoghol iehor – barra mit-Tarzna – fejn gie f'kuntatt mal-asbestos, din il-Qorti hi konvinta li hemm ness ta' kawzalita` bejn ix-xoghol li kien jaghmel u l-marda li garrab Joseph Fenech. Ma' dan, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, tezisti l-prova illi diversi sidien tal-vapuri li sewwew fit-Tarzna irrikonoxxew l-ezistenza ta' prodotti manifatturati mill-asbestos fuq il-vapuri taghhom. Kif gia` ntqal, ma hux mehtieg li l-atturi juru li l-awtur taghhom kien suggett ghal *'heavy exposure'*, u mill-assjem tal-provi mhux biss tirrizulta tip ta' *exposure*, izda wkoll l-effetti taghha fuq Joseph Fenech.

Il-korporazzjoni konvenuta tissottometti wkoll li hi m'ghandhiex titqies responsabbli waheda ghall-akkadut, ghax bejn l-1959 u l-1968 hi ma kienitx responsabbli ghat-Tarzna li kienet imexxija minn kumpanija privata; hi tissottometti li la darba jirrizulta li l-mesothelioma tiehu biex tizviluppa *"at least 10 years;* hafna drabi 20 u 40 *years"* (xhieda ta' Dr. James DeGaetano), ma jistax jigi eskluz li l-kawza tal-marda nibtet fiz-zmien meta d-*decujus* ma kienx impjegat taghha.

Din il-Qorti tara, pero`, li ma giex eskluz li l-marda setghet giet fuq id-*decujus* tul l-impieg tieghu mat-Tarzna, meta hu baqa' jaghmel xoghol li jesponieh ghall-asbestos fibres. Il-probabilita` hi li l-marda affettwatu kemm meta kien jahdem ma' Bailey (Malta) Ltd, kif ukoll mal-korporazzjoni konvenuta, u meta jkun kaz ta' kondebituri ta' obbligazzjoni kummercjali, (kif inhi n-natura tar-relazzjoni kuntrattwali f'dan il-kaz), kif jghallem l-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, hemm il-presunzjoni ta' solidarjeta`, meta, allura, kull debitur jista' jigi mfittex ghad-dejn shih. La darba z-zewg entitajiet kienu responsabbli ghal dak li gara, ir-responsabbilta` ghall-kumpens taqa' fuq it-tnejn solidament.

Interessanti huwa l-kaz **Fairchild v. Glenhaven Funeral Services and Others**, deciz mill-House of Lords tal-Ingilterra fis-16 ta' Mejju 2002. L-ewwel Qorti u l-Qorti tal-

Appell fl-Ingilterra kienu ddecidew li *“where there was asbestos exposure from two or more different sources (two defendents) and it was not possible to say on a balance of probabilities that a fibre from one rather than the other(s) had caused the mesothelioma, then the claim failed for want of proof”* (ara <u>Zindani</u> op. cit. pagna 184). Il-House of Lords, pero`, laqgha l-appell u rrevoka s-sentenza u sabet ir-responsabbilta` kogunta precizament minhabba d-diffikulta` kbira li hemm biex tiddetermina r-responsabbilta` individwali.

Il-korporazzjoni konvenuta tghid ukoll li, jekk ir-relazzjoni hija wahda kuntrattwali (kif gie deciz), l-istess azzjoni hi preskritta a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li tasoggetta ghall-preskrizzjoni ta’ hames snin l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra. Hi tissottometti li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jsehh l-allegat ksur tal-obbligazzjoni, u la darba dan seta sehh *“at least 10 years”* qabel, l-azzjoni hi zgur preskritta. Kif tajjeb, pero`, osservat l-ewwel Qorti, kieku kellha tigi accettata din it-tezi, ikun ifisser li kull min ikun infetat b’din il-marda ma jkun jista’ qatt jitlob kumpens, ghax il-marda tkun “rieqda” ghal tal-anqas dan il-perjodu! Inoltre, kif qalet din il-Qorti, fil-kuntest ta’ kwazi delitt, fil-kawza **Muscat v. Muscat Scerri**, deciza fis-26 ta’ Gunju 2009,

“...meta d-danni ma jigux determinati f’mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b’mod li jista’ jinghad li l-hsara qeghdha kontinwament issir kif jidher li qed jigri f’dan il-kaz, it-terminu ta’ preskizzjoni jkun kontinwamentqed jigri “interrot”, u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir.”

Mill-premess ghandu jirrizulta li, f’sitwazzjoni bhal din, il-preskrizzjoni aplikabbli tibda tidekorri minn meta jkun <u>accertat</u> li l-vittma sofriet il-hsara. Fuq kollox, ghalkemm il-korporazzjoni konvenuta kellha minn snin qabel tkun taf dwar il-perikolu tal-asbestos, mhux bilfors li kull min kien jahdem fit-Tarzna fil-hamsinijiet, sittinijiet u sebghinijiet beda jbati minn din il-marda. Kif gie ppruvat, Joseph

Fenech sar jaf l-ewwel darba li kellu l-mesothelioma f'Mejju tal-1994, u l-konferma hada mit-tabib Farrugia, gia` imsemmi, fl-20 ta' Mejju 1994. Din il-kawza saret fit-23 ta' Gunju 1997, wara ittra ufficjali intavolata fit-28 ta' April 1997, u allura entro t-terminu ta' hames snin mill-accertament tal-hsara.

Ghalhekk, sa fejn dan l-appell jitratta s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Dicembru 2006, l-istess qed jigi michud, peress li dik is-sentenza hija sostanzjalment gusta u qed tigi konfermata.

Fir-rigward tal-appell mis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2008, fejn gew likwidati d-danni favur l-atturi, din il-Qorti thoss li l-istess appell, ghandu wkoll jigi michud, hlief li sejra titnaqqas somma zghira kif se jintwera aktar 'il quddiem. Fl-ewwel lok, din il-Qorti qed tiskarta s-sottomissjoni tal-appellant li din il-Qorti trid tiehu kont tal-"kumpens" li l-atturi rcevew minn sorsi ohra. Kif qalet l-ewwel Qorti, dan huwa *res inter alios acta* ghal partijiet f'din il-kawza, u l-korporazzjoni konvenuta trid thallas kumpens ghan-nuqqas taghha li twettaq l-obbligazzjonijiet taghha.

Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, f'dan il-kaz, la darba gie deciz anke mill-ewwel Qorti li r-responsabbilta` hija wahda kontrattwali, id-danni, hu veru, ghandhom jigu kkalkolati skont il-kriterji marbuta ma' ksur ta' kuntratt. F'dawn ic-cirkostanzi, l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jrid li d-debitur, jew l-eredi tieghu, jigu kkompensati "ghat-telf li jkun bata' u l-qliegh li jkun gie mtellef". Biex, pero`, wiehed jikalkula l-"qliegh li jkun gie mtellef", ma hemm xejn hazin li l-Qorti tuza l'hekk imsejha *'mulitplier formola'* li s-soltu tintuza f'kaz ta' likwidazzjoni ta' danni wara delitt jew kwazi-delitt, li hija formola *'tried and tested'* biex twassal ghall-figura rapprezentanti *'loss of future earnings'.* Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-korporazzjoni konvenuta li l-kumpens ghandu jinghata ghat-telf effettiv sal-mewt ta' Joseph Fenech, ghax jirrizulta li hu miet bil-mesthelioma rizultat tal-impieg tieghu, u mhux b'kawza naturali. Il-mewta prematura

tieghu waslet biex hu u l-familja tieghu gew mcahda minn qliegh.

Hu veru wkoll li Joseph Fenech iritira mix-xoghol minn jeddu wara li approfitta ruhu minn skema ta' irtirar kmieni li offriet it-Tarzna u hu gawda mill-beneficcji tal-istess. L-atturi jallegaw li l-kuntratt li ffirma li permezz tieghu spicca mix-xoghol qabel iz-zmien kien vizzjat, pero`, ma urewx f'hiex jikkonsisti dan il-vizzju, u lanqas ma ressqu kawza opposita biex jitolbu r-rexxissjoni tal-istess kuntratt. Huma jghidu li Joseph Fenech telaq mix-xoghol minhabba l-marda li kellu u fuq struzzjonijiet mit-tabib tieghu, pero`, hu ma qabadx u irrizenja mix-xoghol, izda, bhal diversi haddiema ohra tat-Tarzna, ipprevalixxa ruhu mill-iskema ta' irtirar kmieni mix-xoghol li kienet miftuha dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenut nomine, billi tichad l-istess in kwantu dirett lejn is-sentenzi tas-6 ta' Dicembru 2006, u tal-10 ta' Ottubru 2008, u tikkonfermahom *in toto.*

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------